**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum l-Erbgha 7 t'Ottubru, 2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**vs.**
**Elfatah Mohammed Eldai**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Elfatah Mohammed Eldai ta' 48 sena, imwieled Sudan fl-1 ta' Jannar, 1967, iben Mohamed u Hawa xebba Eldeheri, residenti: 126, Flt 2, Triq il-Flotta, Gzira u detentur tal-karta ta' l-identita' 29622A;

Akkuzat talli nhar l-4 ta' Frar, 2015 ghal habta tad-9:30 ta' fil-ghaxija gewwa Tanti Confectionery, Triq Sir Frederick C. Ponsonby, Gzira:

1. Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur, fuq il-persuna ta' Abigail Zammit.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Abigail Zammit billi jigu applikati l-provvedimenti ta' l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Rat illi din il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjoni dedotta kontrih hija ta' sena prigunerija, u wara li l-Qorti tat lill-imputat hin adegwat biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu, l-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena;

Rat l-ordni taghha tas-7 ta' Frar 2015, fejn ordnat li jsir pre-sentencing report verbali dwar jekk l-imputat hux kandidat idoneju sabiex jghamel xoghol fil-komunita' u dan ai termini tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rapport esebit mill-Probation Officer Sharlet Fabri nhar is-16 ta' Lulju, 2015 fejn ikkonkludiet illi l-imputat huwa kandidat idoneju sabiex jghamel servizz fil-komunita' bla hlas.

Ikkunsidrat:

Illi mill-ammissjoni tal-imputat stess, u mill-provi migjuba l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ikkopera mal-pulizija u rregistra ammissjoni fl-ewwel seduta ta' dawn il-proceduri.

L-imputat ilu hdax-il sena jghix hawn Malta u fil-fedina penali tieghu ghandu biss kundanna wahda – li fl-2007 saq vettura b'manjiera traskurata, minghajr licenzja tas-sewqan u ma kienx kopert b'polza ta assigurazzjoni.

L-imputat ammetta fl-istqarrija tieghu li hu kien sar ihobb tfajla, li kienet *salesgirl* u dak in-nhar tal-incident mar jghannaqha u biesha fuq wiccha u qabdilha l-warrani, pero meta nduna li t-tfajla ma ridietx tkompli mieghu halliha tmur. Din il-verzjoni taqbel in sustanza mal-versjoni li t-tfajla tat lill-Pulizija.

Ghalkemm l-agir tal-imputat xorta jikkostitwixxi reat, hu ma kellhux l-intenzjoni li jaghmel hsara lit-tfajla. Hu ammetta li tilef rasu warajha, u kkommetta zball. Pero, tenut kont tac-cirkostanzi kollha l-Qorti ma hiex tal-opinjoni li piena karcerarja jew sentenza sospiza hija wahda idonea ghal kaz odjern.

Mir-rapport tal-Ufficcjal tal-Probation jirrizulta li l-imputat huwa kandidat idoneju sabiex jghamel servizz fil-komunita' bla hlas. B'dan il-mod l-imputat ikun qed jikkumpensa lis-socjeta ghal hsara li huwa ghamel.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontrieh, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, qieghda, ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggieh taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita' billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt (100) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Din l-Ordni qed issir wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta' l-ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**(ft) Magistrat**
**Vera kopja**

**Deputat Registratur**